**MINUTI**

## GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 43/06**

Il-Ġimgħa 27 ta' April 2012 Fil-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU | *5.30PM* |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU | *5.30PM* |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER | *5.30PM - 6.15PM* |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER | *5.30PM - 7.30pm* |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER | *7.15PM* |
| CLAUDIENNE LANZON | KUNSILLIER | *6.20PM* |
| PAUL J. PACE **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA** | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| FRANS CHIRCOP | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 43/06 għax-xahar ta' April 2012
4. Ħruġ ta' Tenders ġodda u Aġġudikazzjoni tat-Tenders
5. Rapport Mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 42/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)

**i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol baqa' miexi skond kif kien mistenni. Il-paviment diġa hemm nofsu lest u sal-festa għandu jkun kollu lest. Il-ħamrija qegħda kollha f'postha, it-taraġ ser jiżdied pero mhux qabel li jkun lest il-paviment. Proġett ERDF

i.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-PPCD bgħatulna ittra (kopja mehmuża) li t-tender/kuntratt tal-Project Manager rega ma' ġiex aċċettat. Pero ingħatajna l-opportunita' li jekk irrid il-Kunsill jista' jew jerġa' joħroġ sejħa għal *Project Manager* jew inkella jitlob lill-Managing Authority fi ħdan il-PPCD sabiex jitrasferixxu €6000 il-valur ta' dan il-kuntratt fuq komponent ieħor ta' dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel li ma terġax tinħareġ sejħa għall-offerta ta' Project Manager imma minflokk nitolbu lill-Managing Authority jikkondisra li dawk il-fondi jag]mlu tajjeb għal xi xogħol extra li kellu jsir u li ma kienx ippjanat li jsir meta originarjament inħarġet it-tender tax-xogħlijiet.

i.ii Dwar il-permess tal-MEPA 1494/10 is-Sindku qal li fl-aħħar l-MEPA ser toħroġ il-*full development permit*. Is-Sindku qal li rċevejna ittra sabiex il-Kunsill jagħmel Garanzija Bankarja għall-valur €889.42. Is-Sindku u l-Aġent Seg. Eżek is-Sur Paul Pace ser jieħdu ħsieb jagħmlu din l-Garanzija Bankarja.

i.iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sadanittant il-kuntrattur ser jintalab jibda jneħħi l-bankijiet u l-għamara tat-triq li hemmm minn fuq din is-sit quddiem iċ-Ċimiterju tal-Erwieħ.

**ii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bqajna ma smajna xejn dwar it-tentattiv ta' serq mill-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Tentattiv ta' intrużjoni fil-Kunsill

**iii** Dwar id-devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Ħal Luqa, is-Sindku qal li l-Perit għamel laqgħa mar-Rappreżentant tal-KNPD. Dawn qed jitolbu li jsiru ranep fuq il-bankini fuq barra. Il-Perit tal-Kunsill għandu jipprepara l-pjanti emendati. Devoluzzjoni ta' Art fi Triq Hal Luqa

**iv** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġejna mitluba sabiex fid-dħul fix-Xelter issir rampa għall-persuni b'diżabilita'. Is-Sindku spjega li dan ma jistax isir għal-raġunijiet ovvji. MEPA -Xelter

**v** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq il-fuljett li jmiss ser jiġi ppublikat rapport kif Resurfacing ta' Toroq

ukoll il-Mistoqsija Parlamentari dwar ir-resurfacing tat-toroq f'Ħal Tarxien. Dan ser isir sabiex il-pubbliku jkun mgħarraf dwar is-sitwazzjoni attwali.

vi Is-Sindku qal li l-Kunsilll irċieva xi fondi bħala rifużjoni minn Sekmi li kien applika għalihom. Il-valur li daħħal il-Kunsill minn dawn il-fondi jammonta għal bejn wieħed u ieħor €19,400. Bandli

Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn il-flus jintużaw sabiex jerġa' jsiru il-bandli li jinsabu fi Ġnien Misraħ Buleben skond il-proċeduri meħtieġa.

Is-Sur Keith Darmanin rrimarka li jekk ma jkunx hemm bandli f'dan is-sit allura ma jkunx fih użu.

vii Is-Sindku qal li sa din il-laqgħa kienet għada ma waslet ebda tweġiba mingħand l-Ombudsman. Każ tal-Ex Seg. Ezek.

*Is- Sur Lawrence Bonavia irtira mil-laqgħa fis-6.15pm.*

ix Dwar il-bżonn ta' part-timer oħra, is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret talba uffiċċjali lid-Diptartiment. Impjegata Part-timer fil-Kunsill

*Is-Sinj. Claudienne Lanzon attendiet għal-laqgħa fis-6.20pm*

x Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser nibqħu għaddejjin fuq ix-xogħol għall-ippubblikar tal-ktieb tas-Sur Peter Caruana. Ktieb Peter Caruana

xi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dawk l-assi li kellu l-Kunsill li kienu jew bil-ħsara jew mingħajr użu, iddispona minnhom billi inġiebet skip quddiem il-bieb tal-Kunsill u ntremew fiha. Pero l-van tal-Kunsill li huwa wkoll bil-ħsara għadu pparkjat quddiem il-garaxx tal-Kunsill sakemm inkunu nafu eżatt kif ser jiġi skrapjat. Assi tal-Kunsill

xii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ARRIVA bgħatet ċekk għall-valur ta' €180 bħala rifużjoni għal-ħsara li għamlu fil-barrier ta' Triq B'Bugia. ARRIVA – Barrier Triq B'Bugia

xii.i Dwar il-każ l-ieħor li l-ARRIVA għandha magħna minħabba l-ħsara li sar fil-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, is-Sindku qal li x-xufier li kien qed isuq ix-xarabank involuta fl-inċident,qed iċempel lill-Kunsill għax-xil-Kumpanija ARRIVA żammiethu responsabbli. Is-Sur Chircop qal li huwa rreferieh għand l-Union tagħhom. ARRIVA – Monument Vittmi tal-Gwerra

xiv Is-Sindku qal li fiż-żjara tiegħu fil-Bulgaria ltaqa' mas-Sindku l-ġdid u kellu diversi laqgħat kordjali miegħu. Is-Sur Farrugia kompla jgħid li nformah li l-Ġnien fejn bħalissa għaddej il-proġett ser ikun imsemmi Ġnien Veliko Turnovo. Is-Sindku apprezza dan i-ġest u wiegħdu li ser jibgħatlu lil xi ħadd mill-Bulgaria biex jiskolpi fuq il-ġebel mill-Bulgaria stess l-arma ta' Veliko kif ukoll ta' Ħal Tarxien biex b'hekk titpoġġa wkoll f'dan il-proġett. Is-Sindku ta' Veliko żied jgħidlu li huma wkoll bi ħsiebhom issemmu triq jew ġnien għall-Ħal Tarxien. Ġie ssuġġeriet ukoll li jsiru iktar Attivitajiet Kulturali bejnietna. Żjara Bulgaria

xv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rcevejna kont għall-valur ta' €3,355.20 mingħand id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja għal 4 korsijiet li dan il-Kunsill offra lill-pubbliku. Jidher biċ-ċar li l-Kunsill dwar din il- Life Long Learning

materja kien diżgwidat. Dan għaliex kellna l-impressjoni li d-Dipt. Gvern Lokali ser jirrifondi lill-Kunsill sa massimu ta' €4,000 kif indikat fil-Memo 44/2011. Dan mhux il-każ għaliex id-Dipartiment Gvern Lokali ser jirrifondina lura biss €1922.66 Mingħand l-istudenti ġbarna biss €314.46 għax il-maġġior parti tal-istudenti huma bil-Kartanzjan. Għalhekk l-kumplament irid joħroġhom il-Kunsill mill-fondi tiegħu.

Is-Sur Paul J. Pace ser jitkellem mad-Dipt. Gvern Lokali dwar dan.

xvi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ħadd 22 ta'April ser titħawwel siġra tal-larinġ fi Ġnien Kunsill Lokali 2000 bħala att simboliku mill-Ordni ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm. — Tħawwil ta' sigra fi Ġnien Kunsill Lokali 2000

xvii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-aħħar wara 4 ġimgħat sar it-testing mistenni. Il-WSC ser tgħaddi l-materjal sabiex jinbeda x-xogħol meħtieġ. — Sq Sta Marija Nru 1

xviii L-A/Seg. Eżek. ser jgħaddi lill-Kunsillieri kopja tar-Regolamenti dwar il-Bord ta' Governanza. — Regolamenti Bord ta' Governanza

xiv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa flimkien mal-Agent Seg. Eżek. is-Sur Paul Pace kif ukoll l-Aġent Seg. Eżek. is-Sur Frans Chircop ser imorru l-HSBC sabiex isir l-bidla fil-firmatarji. — Bidla fil-firmatarji

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' Pagamenti

i Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 43/06. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku, mill-A/ Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

## 4 Ħruġ ta' Tenders ġodda u Aġġudikazzjoni tat-Tenders

Tenders

i. *Resurfacing ta' Toroq – PPP* *(Kopja tal-Iskeda Mehmuża)* — PPP
Inxtraw u intefgħu 2 offerti.

Is-Sindku ppreżenta lill-Kunsill rapport ippreparat mill-Perit tal-Kunsill. Id-differenza hija ċara ta' madwar €300,000 bejniethom.

Is-Sindku l-Kav. Paul Farrugia ippropona u l-Kunsilliera s-Sinj. Doris Vella ssekondat li tintgħazel l-irħas offerta li hija dik ta' VELLA Group Ltd.

Il-Kunsill qabel unanimament.

ii. *Xogħol ta' Rinnovar fil-Blokkijiet tal-Flats tal-Gvern* *(Kopja tal-Iskeda Mehmuża)* — Housing
Inxtraw 9 offerti u intefgħu 7 offerti

Il-Kunsillier is-Sur Keith Darmanin ippropona u l-Kunsilliera s-Sinj. Doris Vella ssekondat sabiex tintgħażel l-iżjed offerta vantaġġjuża li hija dik ta' FEMI CONSULTANCY LTD.

Il-Kunsill qabel unanimament.

iii. *Cold Asphalt* *(Kopja tal-Iskeda Mehmuża)* Cold Asphalt
Inxtraw u ntefgħu 4 offerti
Is-Sindku l-Kav. Paul Farrugia ppropona u l-Kunsilliera s-Sinj. Doris Vella ssekondat sabiex tintgħażel l-iktar offerta vantaġġjuża li hija dik ta' BITMAC.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku l-Kav. Paul Farrugia ppropona u l-Kunsilliera s-Sinj. Doris Vella ssekondat li tintgħażel ukoll l-offerta mitfugħa ta' CEB peress li huwa tip ta' materjal differenti.

Il-Kunsill qabel unanimament.

iv. *Għamara tat-Toroq* *(Kopja tal-Iskeda Mehmuża)* Għamara tat-Toroq
Inxtraw u ntefgħu 2 offerti.

Is-Sindku l-Kav. Paul Farrugia ppropona u l-Kunsillier s-Sur Keith Darmanin ssekonda sabiex tintgħażel l-iktar offerta vantaġġjuża li hija dik ta' MQUIP.

Il-Kunsill qabel unanimament.

v. *Kiri ta' Van* *(Kopja tal-Iskeda Mehmuża)* Kiri ta' VAn
Inxtraw u ntefgħu 3 offerti.

Il-Kunsilliera s-Sinj. Doris Vella pproponiet u l-Kunsilliera s-Sinj. Claudienne Lanzon issekondat sabiex tintgħażel l-iżjed offerta vantaġġjuża li hija dik ta' E. M. Bonnici & Sons Co. Ltd.

Il-Kunsill qabel unanimament.

*v.i* *Knis tat-Toroq* *(Kopja tal-Iskeda Mehmuża)* *Knis ta' toroq*
Inxtraw u ntefgħu 7 offerti.

Il-kunsillier is-Sur Keith Darmanin ippropona u l-Viċi Sindku s-Sur Frans Agius ssekondat sabiex tintgħażel l-iżjed offerta vantaġġjuża li hija dik ta Saviour Mifsud.

Il-Kunsill qabel unanimament.

*Il-Kunsillier is-Sur Ishmael Dalli attenda għal-laqgħa fis-7.20pm*

v.ii Ħruġ ta' Tenders Ġodda

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nħarġu żewġ tenders ġodda li huma tar-Resurfacing & General Maintenance u dik għal servizz ta' Accountant. Dawn l-offerti ser jagħlqu il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 2012 f'nofsinhar.

## 5 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

### *Rapport mil-Kunsillier Keith Darmanin*

i Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill li saru l-laqgħat tan-Neighbourhood

Watch għal tlett zoni u ntgħażel il-ko-ordinatur.

ii. Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill li kellu intervista fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali ma' ġurnalist tal-Gazzetta Times of Malta dwar dan is-suġġett.

iii. Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Tarxien ser jingħataw iċ-Ċertifikati lill-ko-ordinaturi.

iv. Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fil-Photo Hunt li organizzaw rnexxielhom jiġbru s-somma ta' €43.50 li ser imorru għall-Fondazzjoni ta' PUTTINU CARES.

*Il-Kunsillier s-Sur Keith Darmanin irtira mil-laqgħa fis-7.30pm*

***Rapport tal-Viċi Sindku Frans Agius***

i Is-Sur Agius ppreżenta lill-Kunsill stima dwar kors għall-valur ta' €300 u €20 għan-noti dwar Relazzjonijiet Pubbliċi għall-NGO's.

Il-Kunsill approva unanimament.

ii Is-Sur Agius nforma lill-Kunsill li Heritage Malta offriet 125 biljett sabiex 5 gruppi ta' 25 persuna l-waħda idħlu b'xejn jżuru t-Tempji Neolitiċi f'Jum Ħal Tarxien.

iii Is-Sur Agius informa lill-Kunsill li diġa' waslu xi applikazzjonijiet għall-konkors lettararju għall-Jum Ħal Tarxien. Is-Sur Agius qal ukoll li ser jipprepra l-korrispondenza għall-Wirja tal-Passatempi.

iv Is-Sur Agius ressaq quddiem il-Kunsill Dokument informattiv dwar il-laqgħat li kien jattendi organizzati mill-Malta Tourism Authority.

***Rapport mill-Kunsilliera Claudienne Lanzon***

i Is-Sinj. Lanzon infurmat lill-Kunsill li kkuntattjat lill-Agenzija SEDQA sabiex jorganizzaw kors fuq Pasrenting Skills mifrux fuq 6 ġimgħat. Biex isir dan il-kors iridu japplikaw minimu 15-il persuna bi ħlas ta' €10 kull persuna. Il-Kunsill qabel unanimament li jissussidja l-ħlas għal dan il-kors.

***Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli***

i Is-Sur Dalli qal li dwar riċiklar ta' drapp minn REFAB MALTA ser jagħmel kuntatt sabiex jiddeċiedu l-post u d-data.

***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

i Is-Sinj. Vella nfurmat lill-Kunsill li l-attivita' buffet breakfast fid-Danish Village tal-Ħamis 5 t'April 2012 sart kif ippjanat.

ii Attivita' oħra li jmiss fis-17 ta' mejju 2012 u ser tkun ikla fir SOREDA Hotel.

***iv Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

iv.i Is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill li fit-8 ta' Mejju ser issir ikla fil-Waterpolo

Pitch M'Skala fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Qal ukoll li ser jagħti tifkira tal-okkażjoni li dawk preżenti.

**6 Ħwejjeġ Oħra**

i Is-Sindku talab lill-kunsillieri sabiex min għandu xi idejat għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Tarxien jressaqhom. Talabhom wkoll sabiex kemm jista' jkun ma jkunx hemm infieq żejjed ta' flus.

ii Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li l-Attivita' prinċipali tittellgħa l-Ġimgħa u mhux il-Ħadd filgħaxija u dan wara li kellu diskussjoni mas-Sur Joseph Abela li offra wkoll l-għajnuna tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimamnet ma' din il-proposta.

**7 Għeluq tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Laqgħa oħra li jmiss it-Tnejn 30 t'April 2012 fil-5.30pm

**Kav. Pawlu Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA
**A/Seg. Eżek**